MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1810/1997/1

**Marika Spiteri**

**v.**

**George Cachia**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attrici fis-7 ta' Awwissu 1997, li tghid hekk:
"Peress illi l-kontendenti kienu ilhom johorgu u jiffrekwentaw lil xulxin ghal madwar sitt snin u nofs;

“Peress illi f’Ottubru tas-sena 1996 huma tgharrsu formalment meta kienu gew imbierka c-curkett u l-arlogg li taw lil xulxin ghall-okkazzjoni;

“Peress illi l-kontendenti kienu ilhom li ffissaw id-data tat-tieg ghal-21 ta’ Dicembru 1996 minn sentejn qabel meta kienu attendew ghal kors ta’ Kana;

“Peress illi ghalkemm kellhom jizzewgu fil-21 ta’ Dicembru 1996, dan ma sehhx peress illi ufficjali tal-Kurja rrifjutaw li jzewguhom minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

“Peress illi fil-fatt l-attrici giet infurmata b’dan ir-rifjut min-naha tal-Kurja lejlet stess tat-tieg fl-20 ta’ Dicembru 1996;

“Peress illi per konsegwenza ta’ dan, l-gherusija bejn il-kontendenti thassret u fil-fatt minn dakinhar ta’ l-20 ta’ Dicembru 1996, huma qatghu hesrem ir-relazzjoni ezistenti bejniethom;

“Peress illi dan kollu gara minhabba tortijiet u nuqqasijiet unikament imputabbli ghall-konvenut kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-kaz;

“Peress illi kull tentattiv ghal soluzzjoni bonarja sfat fix-xejn;

”Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

“1. Tiddikajara li l-weghda taz-zwieg moghtija lil xulxin mill-kontendenti nkissret minhabba tortijiet u nuqqasijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

“2. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni u spejjes ohra sofferti u inkorsi mill-attrici in kontemplazzjoni taz-zwieg li ma sehhx;

“3. Tillikwida l-imsemmija danni u spejjes relattivi *oltre* l-kumpens ghall-ingurja;

"4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma likwidata;

"5. Tillikwida l-assi kollha li huma in komuni bejn il-kontendenti;

"6. Tiddividi l-istess assi f'sehem ugwali bejn il-partijiet okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

"7. Taqsam l-istess assi f'zewg porzjonijiet kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti li ghandhom jigi assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 9 ta' April 1997 kontra l-konvenut li minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 53) li in forza taghha eccepixxa:
"1. Illi huwa jichad l-addebiti kollha lilu rivolti mill-attrici fic-citazzjoni u dikjarazzjoni taghha;

"2. Illi mhux minnu illi l-weghda taz-zwieg moghtija lil xulxin mill-kontendenti nkisret minhabba tortijiet u nuqqasijiet unikament imputabbli lill-konvenut izda ghal ragunijiet ohra li jigu ppruvati fit-trattazzjoni tal-kaz;

"3. Illi ghalhekk il-konvenut m'ghandux jigi dikjarat li huwa responsabbli u sussegwentement ikkundannat ihallas lill-attrici d-danni u spejjez ohra sofferti in kontemplazzjoni taz-zwieg li ma sehhx wara li jigu likwidati;

"4. Illi l-konvenut mhux kontra li l-Qorti tillikwida l-assi kollha li huma in komuni bejn il-kontendenti u tiddividi l-istess assi f'zewg ishma bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' periti nominandi u sussegwentement taqsam l-istess assi f'zewg porzjonijiet komposti u tassenjahom wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, *purche`* tali ishma u porzjonijiet ma jkunux ugwali *stante* illi l-konvenut u

membri tal-familja tieghu wettqu hafna xoghol ta' bini fil-propjeta` immobbli in komunjoni bejn il-kontendenti, liema xoghol ghandu jigi likwidat u kunsidrat fil-qsim tal-ishma;

"5. Salv eccezzjonijiet ohra jekk jkun il-kaz."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Marzu, 2007, li in forza dik il-Qorti ddecidiet il-kawza:
"... ... ... billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma nkompattibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess** b'dan illi:-

"1. Tiddikjara li l-weghda taz-zwieg moghtija lil xulxin mill-kontendenti nkissret minhabba tortijiet u nuqqasijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

"2. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni u spejjes ohra sofferti u nkorsi mill-attrici in kontemplazzjoni taz-zwieg li ma sehhx;

"3. Tillikwida l-istess danni u spejjez relattivi fl-ammont ta' elf, erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm1,423) kif fuq deciz;

"4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-istess somma hekk likwidata ta' elf, erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija (Lm1,423) kif fuq deciz;

"5. 6. 7. Illi dwar dawn l-ahhar tlett talbiet din il-Qorti *arbitro boni viri* tirreferi ghal dak li nghad iktar il-fuq f'din is-sentenza b'dan li l-fond immobbli fond Numru 30, Nursing Sisters Street, San Giljan b'dak kollu li hemm fih inkluz l-mobbli kollha u l-arredamenti kollha li bih huwa adebit l-istess fond qed jigu [recte: jigi] assenjat lill-konvenut, b'dan li l-attrici ghandha titrasferixxi sehema ta' nofs mill-istess fond bl-accessorji kollha tieghu u bl-arredamenti kollha tieghu lill-konvenut permezz ta' kuntratt pubbliku li ghandu jsir nhar il-Gimgha 27 ta' April 2007 fil-11.30 a.m f'wahda mill-Awli Superjuri l-Belt Valletta, tali kuntratt jigi ppublikat minn Nutar Mario

Bugeja, u b'dan li l-konvenut  qed jigi assenjat wkoll ir-rimanenti self mal-bank li hemm fuq l-istess fond, u ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' tnejn u erbghin elf, seba' mija u erbgha u erbghin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm42,744.84) bhala kumpens ghal sehema u rifuzzjoni ta' spejjez minnha nkorsi fuq l-istess, inkluz kumpens ghall-okkupazzjoni ta' l-istess fond mill-konvenut ghaz-zmien indikat kollox kif fuq deciz. Illi in konformita` ma' dak hawn deciz kull parti ghandha izomm bhala taghha l-effetti mobbli attwali li jinsabu fil-pussess taghha jew tieghu.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 9 ta' April 1997 *stante* n-natura tal-kaz kwantu ghall-terz mill-attrici u zewg terzi ghall-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawza ta' rezilment ta' gherusija li ma hijiex ibbazata fuq il-Ligi dwar il-Weghdiet taz-Zwieg (Kap 5) izda fuq l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** li jipprovdi li ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu, u l-**artikolu 1125** li wiehed jirrispondi ghan-nuqqas li jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu, u dan apparti l-**artikolu 1809 tal-Kap 16,** u dan  ghaliex ma hemm l-ebda ftehim bil-miktub u fil-fatt hadd mill-partijiet ma allega dan. **"Josef Grech vs Joanne Testa"** (P.A. (NC) – 11 ta' Mejju 2004).

"Illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni trid tigi ppruvata l-ezistenza ta' gherusija, reziliment ingust tal-parti, u danni materjali kkwazati minhabba l-istess agir, hawn allegat *da parte* tal-konvenut

"Illi din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha prodotti jirrizulta li l-kontendenti kienu ilhom johorgu flimkien ghal sitt snin u nofs u l-intenzjonijiet taghhom kienu certament serji u bl-iskop li jizzewgu tant li f'Ottubru 1996 kienu wkoll tgharsu formalment u taw rigali lil xulxin imberkin minn Patri Salv Caruana; kienu anke ffissaw id-data tat-tieg ghall-21 ta' Dicembru 1996, u wkoll attendew il-Kors ta' Kana. Saru wkoll preparamenti fejn ser imorru

joqghodu u fil-fatt xtraw flimkien il-fond b'self mill-Lohombus u waqqghu l-istess fond Numru 30, Nursing Sisters Street, San Giljan u bnewh mill-gdid, u nxtraw diversi mobbli sabiex jarredaw id-dar, apparti li saru diversi spejjez sabiex isir it-tieg bhal kiri tas-sala, libsa tat-tieg, ordni ta' fotografu, ikel u spejjez ohra. Hmistax qabel iz-zwieg il-Kappillan ta' l-Imsida baghat ghall-konvenut u l-attrici marret mieghu flimkien mal-missirijiet rispettivi taghhom; l-istess Kappillan kien allega li kien ircieva nota minghand il-vici Kappillan li kienet tallega li l-konvenut kellu relazzjoni ma' certu Ritienne Cardona u li din kellha wild ta' 3 snin mill-konvenut u wkoll kienet ikkommettiet abort mill-istess relazzjoni li kellha mal-konvenut. Il-konvenut kien innega dan kollu u ghalkemm ghall-ewwel qal li lanqas biss kien jaf lil din il-persuna, pero' fl-ahhar tal-laqgha qal li kien iltaqa' maghha darba biss. Izda mill-ewwel telaq il-barra mill-istess laqgha.

"Illi gara li fl-20 ta' Dicembru 1996 rapprezentant tal-Kurja Monsinjur Dalmas sejjah lill-partijiet fil-kawza u nfurmahom li tali zwieg ma kienx setgha jsir bil-knisja. L-attrici tallega li dan sehh minhabba li l-Kurja saret taf li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra – tant li hija tghid li l-konvenut stess ammetta dan quddiem il-Monsinjur Dalmas, u kien  talab mahfra lilha quddiem l-istess ufficjal tal-Kurja, u peress  li l-istess Knisja minhabba dan ma tatx il-permess taghha ghal dan iz-zwieg, l-istess gherusija ta' bejn il-partijiet thassret u saret din il-kawza. Fil-fatt l-attrici tghid li l-kliem li l-istess Monsinjur Dalmas qalilha kien *"Marika bil-knisja ma nistax nzewgek lil dan George, ghaliex ghandu hafna ntoppi"* . Fil-fatt l-attrici tallega li l-konvenut ried xorta jizzewweg bic-civil, izda hija wara li saret taf dan kollu ma riditx ghaliex dejjem zwieg bil-knisja riedet.

"Illi Patri Salvino Caruana kkonferma li dan iz-zwieg ma sehhx ghaliex lejliet iz-zwieg kien avzat minn Monsinjur Dalmas mill-Kurja, li huwa stazzjonat fl-ufficju taz-Zwigijiet tal-Kurja li z-zwieg ma setax isir (seduta 5 ta' Frar 1999) ghalkemm  l-istess xhud jghid li sar jaf iktar minn hekk.

"Illi missier l-attrici (seduta 16 ta' April 1999) spjega wkoll l-laqgha li kien hemm mal-Kapillan ta' l-Imsida u kkorrobora x-xhieda ta' l-attrici fuq dan l-aspett, anzi zied li missier il-konvenut ipprova jirrikoncilja lill-partijiet tant li fil-fatt l-istess zwieg kien xorta ser isehh kieku ma kienx ghall-fatt li gurnata qabel iz-zwieg Monsinjur Dalmas baghat ghall-partijiet u nforma lil kull wiehed mill-partijiet li z-zwieg mill-Knisja ma setax jithalla jsir.

"Illi Monsinjur Joseph Dalmas li dak iz-zmien kien Kap ta' l-Ufficju taz-Zwigijiet tal-Knisja kkonferma fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2000, li l-Knisja kienet zammet dan iz-zwieg milli jsir, u dan wara li terzi persuni kienu avvicinawh dwar dan l-avveniment wara li hargu l-pubblikazzjonijiet tat-tieg, u wara li kellem lil dawn il-persuni, u dawn ikkonfermaw dak li sostnew bil-gurament, huwa hass li ma setax jaghti l-kunsens tieghu sabiex isir dan iz-zwieg ghaliex altrimenti kien ikun invalidu anke ghaliex iz-zwieg huwa sagrament. Qal li kellem lill-konvenut wahdu u huwa nforma b'dan id-divjet verbalment lill-partijiet u ma kenitx saret oggezzjoni ghar-ragunijiet migjuba ghal dan id-divjet ghaz-zwieg. Dan sar kollu jiem jekk mhux gurnata qabel it-tieg, skond l-istess xhud stess u sabiex ma thalliex isir dan iz-zwieg mill-Knisja kienet ghaliex kien hemm ragunijiet serji ghaliex kellu jkun hemm dan id-divjet li jghid li huwa ffirma huwa stess.

"Illi din il-Qorti thoss li l-attrici ppruvat l-allegazzjonijiet taghha u din il-Qorti thoss li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-gherusija ta' bejn il-partijiet thassret minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u dan senjatament minhabba r-relazzjoni li huwa jidher li kellu ma certa Ritienne Cardona, li jirrizulta li kien jafha u li anke siefer maghha u ma' habib taghhom it-tnejn certu Mario f'Dicembru 1996 xhur biss wara li thassar l-istess zwieg. Huwa veru li l-istess persuna tghid li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-konvenut, izda din il-Qorti thoss li l-provi prodotti mill-attrici juru mod iehor, u wkoll x-xhieda tal-istess xhud ma hijiex attendibbli wkoll fejn tghid li l-konvenut kien qalilha li kien hassar iz-zwieg *"peress li ma kienux jaqblu"* (fol.53), u dan peress li jidher li gie ppruvat bla ebda dubju li z-zwieg thassar b'mod mill-iktar

drammatiku gurnata qabel d-data taz-zwieg minhabba li l-ufficju tal-Kurja ma kienx ta l-permess sabiex dan iz-zwieg isehh. Certament li sabiex il-Knisja hadet dan il-pass dan ghamlitu ghar-ragunijiet serji, kif ikkonferma l-istess Monsinjur Joseph Dalmas.

“Illi huwa f’dan il-kuntest li din il-Qorti ma tistax taccetta l-versjoni moghtija mill-konvenut anke fl-affidavit tieghu datat 17 ta’ Novembru 2000 fejn jidher car li fl-istess affidavit huwa addirittura jinnega li z-zwieg ma thalliex isir mill-Knisja tant li jghid *“qatt ma qalulna li ma riedux izzewguna u qatt ma qaluli li jiena ma nistax nizzewweg kif qalet hi”.* Dan huwa kompletament mhux minnu ghaliex mix-xhieda prodotta jirrizulta pruvat li z-zwieg bejn il-partijiet intenzjonat li jsir bir-rit kattoliku fil-21 ta’ Dicembru 1996 twaqqaf milli jigi celebrat mill-Awtoritajiet Ekklesjastici, li anke xehdu f’din il-kawza, u sahansitra kien missier il-konvenut stess John Cachia li fis-seduta tas-6 ta’ Frar 2001 xehed li huwa kien informat b’telefonata minghand omm l-attrici li l-Kurja kienet waqfet lill-partijiet milli jizzewgu u dan kien lejlet it-tieg. Fil-fatt in kontro-ezami huwa jghid testwalment:-

*“Dakinhar it-tieg ma sehhx minhabba ordni tal-Kurja”.*

“Illi f’dan l-isfond certament li ma tistax tigi accettata l-versjoni tal-konvenut li dan iz-zwieg ma sehhx minhabba dak li sejjah bhala *“ftit ta’ dizgwid”.* Ix-xhieda ta’ Saverina Cachia, omm il-konvenut, f’dan il-kuntest lanqas hija kredibbli fejn il-versjoni taghha donna li hija li z-zwieg thassar peress li l-konvenut kien ihobb isiefer sabiex jara l-futbol.

“Illi ghalhekk abbazi ta’ dak premess jirrizulta li kien hemm gherusija u li l-istess gherusija thassret ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u dan kollox kif premess u skond id-dettami kkonfermati u stabbiliti fil-gurisprudenza nostrali fosthom dik ta’ **“Josef Grech vs Joanne Testa”** (P.A. (NC) 11 ta’ Mejju 2004) u fuq kollox li r-raguni ghal tali thassir ta’ gherusija kien wiehed verament gravi, fondat u certament imprevedibbli ghall-attrici. Issir riferenza wkoll

ghas-sentenzi **"Marthese Zammit et vs Ivan Zammit"** (P.A. (TM) – 6 ta' Mejju 2004); **"Alfred Aquilina vs Miriam mart Nicholas Baldacchino"** (P.A. (DS) – 6 ta' Dicembru 2002).

"Illi dwar id-danni kkawzati u skond kif ritenut fis-sentenzi fuq citati u wkoll dik fl-ismijiet **"Maria Gauci et vs Martin Xuereb"** (P.A. (GCD) 18 ta' Jannar 2005) u **"Alfred Aquilina vs Miriam mart Nicholas Baldacchino"** (P.A. (DS) – 6 ta' Dicembru 2002) u **"Anthony Zammit vs Monica Abela et"** (P.A. (DS) 15 ta' Ottubru 2001) dawn jirreferu ghal danni materjali attwalment sofferti mill-attrici kawza ta' din it-thassir ta' gherusija bejn il-partijiet u din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti dawn kienu dawk ukoll indikati fid-Dokument "MS 2" fejn jirrizulta s-segwenti oggetti gew imhallsa mill-attrici proprju minhabba din ir-relazzjoni ta' gherusija tal-partijiet u cjoe' Lm81 hwejjeg tat-tieg tal-konvenut, Lm900 hwejjeg li gew mixtrija lill-konvenut mill-attrici, Lm20 mhallsa lil Ray Cachia ghat-tieg, Lm20 ghall-video mhallsa lil A Zammit Cordina, Lm40 lil John's Garage, Lm300 lil Elia Borg Bonaci ghall-*catering*, Lm62 lit-*Travel Agency* u dan kollha jammontaw ghas-somma ta' Lm1,423, u allura t-tieni, tielet u raba' talba attrici ghandha tigi milqugha f'dan l-ammont, ghaliex fl-opinjoni tal-Qorti dan gie hekk ippruvat fil-grad rikjest mill-ligi mill-attrici. F'dan is-sens din il-Qorti hadet konjizzjoni ta' dak sottomess mill-konvenut u thoss li l-versjoni ta' l-attrici hija aktar kredibbliu versomili minn dik tal-konvenut.

"Illi apparti dan il-partijiet bejniethom kienu xtraw il-fond Numru 30, Nursing Sisters Street, San Giljan b'kuntratt pubbliku datat 9 ta' Gunju 1992 fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino (Dok. "EFA 1) u hadu self minghand il-Lohombus Corporation fl-ammont ta' Lm6,160. Dan il-fond twaqqa' u reggha nbena mill-gdid u fih tlett sulari u kamra tal-bejt u ghall-ewwel saret stima mill-Perit Tekniku Rene' Buttigieg datata 15 ta' Dicembru 1999 fejn dan il-fond gie stmat li jiswa kif kien fl-ammont ta' Lm36,000 u wara kkonstata wkoll li l-istess immobbli ma huwiex komodament divizzibbli. F'rapport addizzjonali mhejji mill-espert tekniku l-Perit Godwin Abela stabbilxxa l-valur ta' l-istess

immobbli fl-ammont ta’ Lm70,000, izda aggornah ghall-ammont ta’ Lm85,000 wara l-eskussjoni tieghu skond r-rapport minnu mahrug fit-13 ta’ Ottubru 2006.

“Illi wara ezami tal-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li gie pruvat li l-attrici hallset is-somma ta’ Lm12,012.88 (Lm13,435.88 – Lm1,423 (fuq indikati u msemmija fid-Dokument “MS 2”) sabiex gie rrangat l-istess post u hwejjeg ohra, kollox kif indikat fid-Dok. “MS 2” (fol. 19) u min-naha l-ohra jirrizulta mir-rapport peritali li l-konvenut ghamel spejjez f’xoghlijiet ta’ kostruzzjoni fl-ammont ta’ Lm15,935, u l-istess perit tekniku jsostni wkoll li l-konvenut ikkompleta l-post bi spiza ulterjuri ta’ Lm12,000, b’dan ghalhekk li l-kontribut tal-konvenut ghat-tlestija ta’ l-istess post kienet fl-ammont ta’ Lm27,935. Barra minn dan il-konvenut hallas l-ammont ta’ Lm3,824.20 bhala pagament lura tas-self li sar fuq l-istess post lill-Bank skond ma jidher mid-dokumenti Dok. “GC 1” a fol. 368 tal-process anke wara t-thassir ta’ gherusija, li sad-data tas-sentenza tela’ ghall-Lm4,088. Ma huwiex ikkontestat li l-istess konvenut baqa’ jghix fil-fond in kwistjoni u l-valur lokatizzju ta’ l-istess fond huwa ta’ Lm2,400 fis-sena (kif indikat mill-perit tekniku) u b’hekk ma hemm l-ebda dubju li kien il-konvenut li gawda mill-istess tul din il-kawza.

“Illi ghalhekk tenut kont tal-fatt li l-istess fond Numru 30, Nursing Sisters Street, San Giljan ma huwiex komodament divizibbli u bbazat fuq ir-relazzjoni peritali dwar il-valur tal-fond u kif l-istess jawmenta fil-valur tieghu, din il-Qorti *arbitro boni viri* sejra tasal ghas-segwenti likwidazzjoni u divizzjoni ta’ l-assi tenuti in komun bejn il-partijiet u ghalhekk din il-Qorti tikkonkudi li abbazi ta’ dan kollu u fuq il-premessa li fuq kalkoli approssimattivi tal-perit tekniku li fid-data tas-sentenza l-istess fond ghandu valur ta’ Lm93,500, li minnhom l-attrici ghandha tiehu l-ammont ta’ Lm12,012.88 u maghhom jizdied circa 10 snin li l-istess konvenut ilu okkupa esklussivament l-istess fond, u li l-valur lokatizzju tieghu huwa ta’ Lm2,400 fis-sena (risposti tal-perit tekniku datata 19 ta’ April 2006), *arbitro boni viri* din il-Qorti thoss li ghal tali perjodu l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont

ta’ Lm12,000, b’dan ghalhekk li l-attrici ghandha tiehu ghalhekk minghand il-konvenut l-ammont totali ta Lm24,012.88 bhala spejjez minnha nkorsi u kumpens ghall-okkupazzjoni tal-konvenut ta’ l-istess fond mentri l-konvenut ghandu jiehu is-somma ta’ Lm27,935 flimkien mas-somma ta’ Lm4,088.20 (pagamanti tas-self) li tammonta ghall-Lm32,023.20. Jekk wiehed jghodd dawn l-ammonti flimkien dan iwassal ghas-somma ta’ Lm56,036.08

“Illi jekk wiehed jimxi fuq il-valur ta’ Lm93,500 (skond l-istima u l-varjazzjoni tal-perit tekniku), u tnaqqas minnu l-ammont ta’ Lm56,036.08 jibqa’ valur ta’ Lm37,463.92 li ghandu jinqassam bejn iz-zewg partijiet li jammonta ghall-Lm18,731.96 kull wiehed. La darba l-fond ma huwiex komodament divizibbli u la darba jidher li ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-istess fond jinzamm mill-konvenut b’dak kollu li hemm fih, din il-Qorti thoss li l-fond b’dak kollu li hemm fih ghandu jinzamm mill-konvenut bid-dejn kollu li ghadu pendenti fuqu mal-Bank u ghalhekk sehem l-attrici mill-istess fond b’dak kollu li hemm fih qed jigi assenjat lill-konvenut b’dan li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta’ Lm42,744.84 bhala kumpens ghall-valur ta’ sehema u rifuzzjoni ta’ spejjez minnha nkorsi fuq l-istess, inkluz l-okkupazzjoni *da parte* tal-konvenut fl-istess fond u f’dan is-sens qed jigu milqugha l-hames sas-seba’ talba attrici.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens illi:

“1. thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat illi l-weghda taz-zwieg inkisret minhabba tortijiet unikament imputtabli ghall-konvenut; u fejn iddikjarat il-konvenut appellant responsabbli ghad-danni u spejjez ohra; u fejn illikwidat id-danni u spejjez, u konsegwentament tichad l-ewwel tlett talbiet attrici; u

“2. tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn intlaqet is-sitt talba;

“3. thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti fejn illikwidat sehem l-attrici fis-somma ta’ tnejn u erbghin elf, seba’ mija u erbgha u erbghin liri Maltin u erbgha u tmenin cetezmu (Lm42,744.84) u minflok terga’ tillikwida sehem l-attrici fid-dawl tal-aggravji hawn fuq esposti.

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellanti.”

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minhha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirrespingi l-appell intavolat mill-konvenut u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta’ Gunju 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokument esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza ta’ reziliment ta’ gherusija.  Ghalkemm il-partijiet ma kienux irriducew il-weghda taz-zewg bil-miktub, u lanqas ma ghamlu skambju formali ta’ crieket ta’ gherusija, mhux kontestat, ghall-fini ta’ din il-kawza, li l-partijiet kienu “gharajjes” ghal kull fini u effetti tal-ligi.  Kienu ilhom johorgu flimkien ghal madwar sitt snin u nofs u kienu waslu biex ftehmu li jizzewgu, tant li kienu xtraw dar u hadu hsieb iwaqqawha u jergghu jibnuha skond ix-xewqa taghhom; kienu anke bdew jarredaw l-istess dar u ffissaw il-jum ghat-tieg.  Kollox kien lest ghat-tieg li kellu jigi celebrat bir-rit kattoliku.  Il-partijiet kienu applikaw ukoll ma’ l-awtoritajiet kompetenti tal-Knisja Kattolika sabiex din tohrog it-tnidijiet in preparazzjoni ghat-tieg.  Ftit qabel il-jum tat-tieg il-Vici Kappillan tal-Imsida, fejn kien joqghod il-konvenut, baghat ghall-partijiet u qalilhom li kellu informazzjoni li l-konvenut kellu relazzjoni ma’ terza persuna u minnha kellu tarbija; gie allegat ukoll li t-tarbija kienet giet abortita.  Ghal ewwel il-konvenut cahad l-allegazzjoni, izda eventwalment skond l-attrici, kien stqarr li kellu relazzjoni ma’ terza persuna u flimkien ma’ kuginuh kien tela’ l-Ingilterra mal-habiba fejn sehh l-abort.  Ufficjal

tal-Kurja Arciveskovili ta’ Malta inkarigat miz-zwigijiet kien qal lill-attrici li hi ma setghetx tizzewweg mal-konvenut bil-Knisja, “ghaliex ghandu hafna ntoppi”. Il-konvenut jghid li hu ried xorta wahda jizzewweg bic-civil, izda l-attrici ma riditx.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel Qorti sabet li l-attrici kellha ragun thassar it-tieg, u peress li sabet li l-konvenut kien jahti ghat-thassir tal-gherusija, ipprocediet biex tillikwida d-danni favur l-attrici.

Il-konvenut appella mis-sentenza, bl-aggrvju principali jkun li l-attrici ma kellhiex raguni gusta thassar l-gherusija, peress li ma kien hemm ebda ostakolu li z-zwieg isehh bir-rit civili. Hu ilmenta wkoll dwar il-mod kif l-ewwel Qorti llikwidat id-danni, partikolarment dwar il-valur moghti lid-dar li giet assenjata lill-konvenut, dwar il-kumpens li gie mitlub ihallas ghall-allegata okkupazzjoni tieghu tad-dar, u dwar il-fatt li l-ewwel Qorti ma qiesetx is-somma ta’ Lm12,500 li hu rebah fil-lotterija izda ghadihom lill-attrici biex tamministrahom f’isimhom it-tnejn.

Dwar l-ewwel aggravju, relatat mar-responsabbilita` ghar-reziliment tal-gherusija, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Grech v. Testa**, deciza fil-11 ta’ Mejju, 2004, b’riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri,
“*guridikament il-weghda taz-zwieg tikkostitwixxi veru proprju kuntratt bilaterali u ghalhekk wiehed mill-effetti tieghu huwa li ma jistax jithassar hlief bil-kunsens reciproku tal-partijiet u ghar-ragunijiet maghrufin fil-ligi [Art. 992 Kap. 16]. Ir-rizoluzzjoni ta’ kuntratt hija haga serja u jista’ jkollha konsegwenzi dizastruzi ghall-kontraenti stante li “revocare una convenzione significa annientarla retroattivamente come se non fosse mai stata” [Marcade][Art. 1066]. Ghalhekk anke fil-kaz ta’ sponsali jehtieg li l-kawza tar-reziliment takun gravi u ingustifikata.*”

Issa, f’dan il-kaz, jirrizulta mhux biss li minhabba l-agir tal-konvenut l-attrici ma setghetx tizzewweg fil-Knisja u kwindi, fi kliemha, ma tkunx “fil-barka ta’ Alla” – cirkostanzi importanti jekk mhux essenzjali ghal min ikun nisrani prattikanti – izda, saret taf li dak li kellu jkun zewgha kien

mar ma' mara ohra, kellu tarbija minnha, u ppartecipa b'mod attiv biex din ipprokurat abort. Kif intqal drabi ohra mill-qrati taghna, l-imgieba zleali ta' parti (**Xuereb v. Abela**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' April, 1983) jew prova ta' relazzjonijiet sesswali ma' persuna ohra (**Mifsud v. Mangion**, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Gunju, 1988), huma ragunijiet gravi biex il-parti l-ohra thassar l-gherusija. Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz jezistu provi bizzejjed li jindikaw li l-konvenut kien hati ta' ghemil simili fil-konfront tal-attrici, u kwindi taqbel mal-ewwel Qorti li sabet lill-konvenut responsabbli ghat-thassir tal-gherusija.

Ghar-ragward tal-aggravji fuq id-danni, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti ghamlet sew li stmat il-post tal-partijiet fis-somma ta' Lm93,500. Dan il-fond kien stmat li jiswa Lm36,000 fl-1999, bl-istima tizdied ghall-Lm70,000 f'Jannar tal-2005, u ghall-Lm85,000 f'Ottubru tal-2006. Is-sentenza tal-ewwel Qorti nghatat f'Marzu tal-2007, meta r-ricessjoni li qed tolqot id-dinja f'dawn iz-zminijiet ma kienetx tinhass, u meta l-valur tal-proprjeta` immobiljari kien ghadu qed jizdied kontinwament. Meta tqis li dan il-fond jinsab f'San Giljan u jikkonsisti fi tlett sulari u kamra tal-bejt din il-Qorti ma tarax li l-valur moghti mill-Qorti sentejn ilu ghandu jitnaqqas.

Ghar-rigward is-somma ta' Lm12,500 li allegatament rebah l-attur, din *ex admissis* intefqet biex tigi rrangata u mghammra d-dar, u l-ewwel Qorti zgur hadet dan in konsiderazzjoni meta llikwidat is-somma ta' Lm27,935 bhala l-kontribut tal-konvenut ghat-tlestija tal-istess post. Mill-atti jirrizulta li l-attrici harget Lm12,012.88 sabiex jigi rrangat il-post u hwejjeg ohra, u bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti tara li l-attrici irnexxiela tipprova l-provenjenza taghha ta' dawn il-flejjes. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li fl-affidavit tieghu il-konvenut jitkellem fuq ir-rebh tal-lotterija fil-plural, u mhux ghalih innifsu, meta jghid, "Malli rbahna s-super 5 hadna aktar ir-ruh .....".

Il-konvenut jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ordnatlu jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm12,000 ghall-okkupazzjoni

tieghu tal-fond in kwistjoni fuq stima ta’ Lm2,400 fis-sena bhala l-valur lokatizzju tal-fond. Il-konvenut, apparti li jsostni li ghamel biss 8 xhur jabita f’dan il-fond, jargumenta li bhala ko-proprjetarju tal-fond, hu ghandu dritt juza l-fond skond id-destinazzjoni tieghu (f’dan il-kaz ta’ residenza) sal-qasma jew eventwali assenjazzjoni.

Fuq dan il-punt, il-Qorti tara li l-konvenut ghandu ragun, ghax skond l-Artikolu 491 tal-Kodici Civili kull ko-proprjetarju jista’ jinqeda bil-hwejjeg in komun, basta li jinqeda bil-haga skond id-destinazjoni taghha, u ma jinqediex bil-haga b’mod li ma jhallix lill-ko-proprjetarji l-ohra jinqdew biha huma wkoll; ma jirrizultax li l-attrici, f’dan il-kaz, intimat lill-konvenut li hi wkoll riedet tuza l-fond. Il-fatt li l-konvenut, meta nqala l-inkwiet, seta’ biddel is-serratura tal-fond ma jiggovax lill-attrici la darba din ma haditx passi gudizzzjarj biex tipprotegi l-interessi taghha u xxejjen l-uzu esklussiv li l-konvenut kien qed jaghmel tal-fond (ara, per ezempju, id-decizjoni li ttiehdet mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Azzopardi et v. Attard**, deciza fl-24 ta’ Mejju, 2006, biex l-atturi jinqdew ukoll minn fond li kien fil-pussess tal-konvnut). Inoltre, possessur in okkupazzjoni ta’ fond komuni mhux obbligat ihallas kumpens ghall-okkupazzjoni, jekk mhux minn wara li jigi interpellat ufficjalment ghal dan il-fini. Fil-fatt, fil-kawza **Farrugia v. Cilia**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-25 ta’ Frar, 1956, intqal li meta fond huwa okkupat minn wiehed mill-ko-proprjetarji, ma jistax ikun hemm lok ghall-hlas ta’ kumpens qabel ma jkun hemm kostituzzjoni in mora b’interpellazzjoni b’att gudizzjarju; principju, qalet il-Qorti, “*li hu assodat fil-gurisprudenza Maltija, fondat fuq principji tad-dutturi antiki*”. F’dan il-kaz ma jirrizultax li giet spedita xi ittra ufficjali b’interpellazzjoni f’dan is-sens u kwindi, ebda kumpens ghall-okkupazzjoni ma hu dovut. Ghaldaqstant mis-somma likwidata mill-ewwel Qorti in konnessjoni mad-dar ghandha titnaqqas din is-somma ta’ Lm12,000 bil-kumpens dovut lill-attrici jkun, ghlahekk, f’ammont ta’ Lm30,744.84, ossija €71,616.21.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tilqa’ l-istess in parte, u fil-waqt li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, tvarjaha

biss billi, fil-kuntest tal-ahhar tlett talbiet attrici kif milqugha mill-ewwel Qorti, il-kumpens li ghandu jithallas lill-attrici “bhala kumpens ghal sehemha u rifuzzjoni ta’ spejjez minnha nkorsi”, ghandu jkun ta’ €71,616.21, u mhux €99,568.69 kif stabbilit mill-ewwel Qorti, u tordna li l-kuntratt ta’ trasferiment li ordnat li jigi pubblikat l-ewwel Qorti jsir nhar il-Gimgha 24 ta’ Lulju, 2009, fl-istess hin u lok kif stabbilit mill-ewwel Qorti, jew f’jum u hin iehor li tista’ tistabilixxi l-Qorti fuq talba ta’ min hu interessat.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta’ din it-tieni istanza jithallsu kwantu ghall-kwart ($^{1}/_{4}$) mill-attrici u kwantu ghal tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------